**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/22*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar 2010 fis-6.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 21. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti ma tressqux proposti għal emendi. Għalhekk dawn ġew meħuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Appell fuq Tenders

Nhar l-4 ta' Frar 2010 fis-1.30p.m. inżammet l-ewwel seduta ta' l-appell fuq l-għoti ta' żewġ kuntratti li kienu ngħataw mill-Kunsill. Dawn kienu għall-knis u tindif tat-toroq u l-kuntratt l-ieħor kien għal-servizz ta' Bulky Refuse.
L-ewwel seduta nżammet fl-uffiċċju tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Minn naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku u s-Segretarju.
Minn naħa tal-Kunsill kienu mogħtija l-fatti għaliex l-offerti msemmija ma ngħatawx lil Bugeja Bros u dan propju għaliex dan il-kuntrattur ma kellux il-permessi meħtieġa.
Minn naħa tal-Bord kien deċiż li terġa tinżamm seduta oħra sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq il-każ tiegħu permezz ta' l-avukat tal-Kunsill.
Għalhekk il-Kunsill qabel li biex jitkompla dan il-każ, inqabbdu avukat. L-għażla ta' avukat kienet li navviċinaw lil Dr Jean Paul Grech.

Is-seduta li jmiss għandha tinżamm nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fis-1.30p.m. fl-uffiċċju tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**2. Laqgħa tal-Lokalita**

Din il-laqgħa nżammet nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 fis-6.30p.m. Peress li ma kienx hemm attendenza minn naħa tal-pubbliku, l-Kunsill għadda biex inqara l-indirizz tas-Sindku u wkoll ir-rapport amministrattiv tal-Kunsill.

**3. Tkomplija tal-Bankini**

Il-Kunsill qiegħed f'kuntatti kontinwi mal-kuntrattur li kien inkarigat biex jagħmel il-bankini tal-Pjazza u ta' Triq Salvu Gambin.

Skond indikazzjoni mill-istess kuntrattur, dan ix-xogħol għandu jitkompla fil-jiem li ġejjin.

**4. Applikazzjoni ERDF**

Il-Kunsill bħalissa qiegħed fil-proċess li jistudja kif nistgħu napplikaw għal fondi mill-EU fi proġett ta' tisbieħ fil-lokalita.

Għal dawn il-fondi, hu ppjanat li titressaq applikazzjoni ħalli jsir ristrutturar ta' sqaqien fl-inħawi ta' Għammar.

**5. Żjara fl-Awstrija**

Bħalissa qed isiru l-preparamenti ħalli jitlestew il-pjanijiet għaż-żjara li se ssir f'Ottenschlag. Id-diskussjonijiet għandhom ikomplu ma' Gudrun Moggach meta din tkun hawn fostna.

Is-Sindku wera l-bżonn li għal din iż-żjara ntellgħu lil xi ħadd magħna ħalli nippreżentaw mejda maltija. Hu qal ukoll li se nagħmlu l-kuntatti meħtieġa ħalli jkollna l-għajnuna meħtieġa mill-Ambaxxatur ta' Malta fl-Awstrija biex ma jkollniex problemi biex nieħdu ikel malti magħna li se jitqiegħed għall-użu meta nkunu hemm.

**IV. Korrispondenza**

i. Il-Fondazzjoni OASI bagħtet informazzjoni dwar żewġ attivitajiet li se jkunu organiżżati fix-xhur li ġejjin bl-iskop li jinġabru fondi bħala għajnuna finanzjarja.

ii. Ittra mill-AKL lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jilmenta għad-direttiva li ngħatat biex is-Sindki ma jagħmlux użu minn mobile phones fuq isem il-Kunsill Lokali.

iii. Applikazzjoni għal emendi fil-permess tal-bini fi Plot 8 u 9 fi Triq il-Fanal.

iv. Applikazzjoni għal tibdil strutturali nternament f'Nru. 14 fi Triq il-Knisja.

v. Applikazzjoni għal bini mill-ġdid tal-ħajt ta' barra ta' raba f'Tal-Qlejgħa fi Triq iż-Żebbuġ kif ukoll biex jingħata l-permess biex ikun sanzjonat il-materjal tal-bini li ntefa' fl-istess sit.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Offerti għall-Ġbir ta' Skart**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn dan il-Kunsill Lokali u l-Kunsilli Lokali ta' San Lawrenz u l-Għarb biex inkunu nistgħu noħorġu sejħa kollettiva għall-kuntratt tal-ġbir ta' skart fit-tlett lokalitajiet.

Għal dan l-iskop inżammu numru ta' laqgħat fejn kienu diskussi l-bżonnijiet ta' kull lokalita.

Fl-istess waqt inżammu laqgħat mal-kumpaniji Green MT u mal-Green Pak li huma żewġ kumpaniji li joffru servizz b'xejn tal-ġbir ta' skart separat. Deċiżjoni fuq l-

għażla ta' waħda minn dawn il-kumpaniji għandha tittieħed wara li tinżamm il-laqgħa tar-Reġjun għal Għawdex fejn għandu jkun diskuss l-istess suġġett iżda fuq skala akbar peress li se jkun indirizzat għall-gżira kollha.
Bħala t-tlett Kunsilli flimkien, dawn il-kumpaniji diġa offrew li jagħtu b'xejn borża fil-ġimgħa lil kull familja u li din il-borża tkun tista' tintuża biss għas-separazzjoni ta' l-iskart. Is-servizz minn dawn il-kumpaniji jkun mingħajr ma jintalab l-ebda ħlas mill-Kunsilli Lokali.
Fl-istess waqt, il-Gvern se jibqa' jagħti lill-Kunsilli Lokali l-istess ammont ta' flus li qed jgħaddi s'issa. Għalhekk kulma nkunu se nonfqu kull Kunsill hu total ta' ħamsin euro biss kull sena. Riżultat ta' dan il-ftehim kull Kunsill se jkun qed jiffranka madwar 240 euro fix-xahar mill-ispejjeż preżenti tas-separazzjoni.
Rigward il-ġbir tal-ħġieġ biss, it-tlett Kunsilli flimkien ftehmu li naraw nistgħux noħolqu xi sistema biex nintroduċu ġabra tal-ħġieġ fuq bażi ta' darba kull ġimgħa jew inkella anqas frekwenti.

**VI Materji Oħra**

**1. Kisja Finali bit-Tarmak fi Triq il-Fanal**

Is-Sindku ħabbar li wara diskussjonijiet li hu kellu direttament mal-Ministeru Għal Għawdex, kien irnexxhielu jakkwista wegħda li Triq il-Fanal fejn kienet ingħatat l-ewwel kisja bit-Tarmak mill-Kunsill Lokali, issa wara li titlesta t-Triq Ta' Pinu, din it-triq tingħata l-aħħar kisja finali bit-tarmak.
Dan ikun ifisser li l-Kunsill ikun se jiffranka eluf kbar ta' euro biex jitwettaq dan il-proġett li kien ilu fil-pjanijiet tal-Kunsill li jitwettaq.

**2. Laqgħa tar-Reġjun - Għawdex**

Dr Samuel Azzopardi, bħala President tar-Reġjun ta' Għawdex, qed isejjaħ laqgħa tas-Sindki għal nhar il- 5 ta' Marzu 2010 fil-4,30p.m. fil-Banca Giuratale.
Suġġett importanti li għandu jiġi diskuss waqt din il-laqgħa, hu rigward l-għażla ta' kuntrattur biex titmexxa s-sistema tas-separazzjoni ta' l-iskart f'Għawdex bħala reġjun kollettivament u b'hekk ikun jista' jinħareġ kuntratt wieħed għal gżira kollha.

**3. Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi**

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħabbar li bejn is-16 u 17 ta' Novembru 2010 se tkun qed tiġi organiżżata konferenza internazzjonali dwar il-ġemellaġġi.
Għal din il-Konferenza, ntalbet il-koperazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha.

**4. Programm ta' Eko Għawdex**

Il-Ministeru għal Għawdex bagħat jistaqsi kemm kull Kunsill Lokali għandu pjazez kif ukoll lista ta' lampi u l-vultaġġ ta' kull lampa biex dawn jinbidlu u jinxtegħlu permezz ta' enerġija alternattiva.

**5. Akkumulazzjoni ta' Skart quddiem Lighthouse Supermarket**

L-ispettur tas-saħħa irraporta lil dan l-uffiċċju li qed ikun hemm akkumulazzjoni ta' żibel quddiem Lighthouse Supermarket.
Il-Kunsill kien mitlub biex jieħu l-passi neċessarji biex dan l-iskart jitneħħa u jittieħdu dawk il-miżuri biex il-każ ma jkunx ripetut.

**6. Kodiċi ta' Etika**

Id-Dipartiment għall-Gven Lokali bgħat ktejjeb lil kull Kunsill Lokali, fejn fuqu hemm imniżżla l-Kodiċi ta' Etika li għandha tintuża mir-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : ___________________